## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 262/2018: **ANTHONY DALLI (KI. 823753M) V. CARL ANTHONY GRIMA (KI. 339889M)**

(RESPONSABBILTA' EX CONTRACTU U RESPONSABBILTA' AQUILIANA – IR-RIMEDJI DISPONIBBLI LILL-APPALTANT META L-APPALTATUR MA' JWETTAQX IX-XOGĦOLIJIET KOMMESSI LILU SKOND IS-SENGĦA U L-ARTI – L-APPROVAZZJONI TAX-XOGĦOL APPALTAT MILL-APPALTANT MA' JEŻONERAX LILL-APPALTATUR MIR-RESPONSABLITA' TIEGĦU JEKK WARA JIRRIŻULTA ILLI X-XOGĦOL MOGĦTI MINNU MA' KIENX SKOND IS-SENGĦA U L-ARTI – L-APPALTATUR MA' JEĦLISX MILL-OBBLIGU TIEGĦU ILLI JAGĦTI LILL-APPALTANT OPRA SODISFAĊENTI ANKE JEKK IX-XOGĦOL MA' JKUNX SAR SEWWA MINĦABBA STRUZZJONIJIET MOGĦTIJA MILL-APPALTANT – IN-NOMINA TA' ESPERT TEKNIKU MILL-QRATI HIJA WAĦDA FAKOLTATTIVA U MHUX OBBLIGATORJA – M'HUWIEX ATT ILLEĊITU ILLI L-FORNITUR JIFTIEHEM MAL-KUMPRATUR ILLI MA' JIĠBORX ĦLAS MINGĦANDU TAL-VAT FUQ L-ISPEJJEŻ LI JKUN GĦAMEL META DAWN IKUNU SARU FIN-NATURA TA' DISBURSEMENTS)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**30 ta' Mejju 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Anthony Dalli ("ir-rikorrent") ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2018 li permezz tiegħu talab lil Carl Anthony Grima ("l-intimat") sabiex jgħid għaliex m'għandux ikun kkundannat mill-Qorti iħallsu:

> « *dik is-somma li għandha tiġi llikwidatata minn dina l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bżonn bl-operat ta' periti nominandi, rappreżentanti d-danni sofferti mill-esponent li inter alia, jikkonsistu f' telf ta' xogħol a konsegwenza tax-xogħolijiet fuq il-'coach' tiegħu tat-tip VOLVO IRIZAR bin-numru JCY 976 li ġew ikkummissjonati lill-intimat u li ssussegwentement irriżulta li ma sarux skond is-sengħa u l-arti rikjesta bir-riżultat anki li l-esponent kellu jieħu l-istess 'coach' għand terza persuna fejn kellu*

*jerġa' jidhol fl-ispejjeż ulterjuri u jitlef aktar żmien sabiex dan tal-aħħar jagħmel xogħolijiet li ma sarux jew li ma sarux sew mill-intimat.*

*Illi in oltre, nonostante d-diversi interpellazzjonijiet da parti tal-esponenti lill-intimat, u dan anke' permezz tal-ittra uffiċjali datata l-24 ta' Settembru tas-sena 2018, l-intimat baqa' inadempjenti u saħansitra ikkontesta it-talbiet u l-allegazzjonijiet tal-esponent.*

*Bl-interessi legali applikabbli kontra l-intimat u l-ispejjeż ġudizzjarji, kompriżi dawk tal-preżenti avviż u tal-ittra uffiċjali fuq imsemmija u minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

*Dina t-talba ma teċċedix il-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti*[1] »

wara li rat ir-risposta tal-intimat ippreżentata fit-23 ta' Novembru 2018[2] li permezz tagħha rrisponda kif ġej:

*« It-talbiet tal-attur Anthony Dalli, detentur tal-karta tal-identita' 823753 M, huma inamissibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt u bħala tali għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess:*

*Fl-ewwel lok, u preliminarjament jiġi dikjarat li t-talba tal-attur hija irrita u monka stante li ma ġiex indikat it-terminu li fih sar x-xogħol lamentat minnu u wisq inqas ġie indikat, it-terminu u perijodu fejn allegatament l-attur naqas milli jmur għax-xogħol.* Din l-eċċezzjoni ġiet sussegwentement irtirata fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2021;

*Fit-tieni lok, fil-mertu u mingħajr pregudizzju għas-soespost, t-talba għad-danni u l-ammonti li ħa jitlob l-attur, m'humiex dovuta, stante li mhuwiex minnu li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti, anzi' kif ħa jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna, l-attur kien ben kuntent bl-appalt u bix-xogħol kommissjonat lill-konvenut;*

*Fit-tielet lok, fil-mertu, u mingħajr pregudizzju għas-soespost, ir-rikorenti jeħtieglu jipprova l-allegati danni minnu subiti.*

---

[1] Fol 1
[2] Fol 8

> *Fir-raba lok, u fil-mertu t-talbiet attrici huma bbażati fuq kawża illeċita, kif ħa jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.*
>
> *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-attur, kemm ta' din il-procedura u kemm tal-ittra uffiċjali risponsiva magħmulħa minnu, illi hu minn issa nġunt għas-subizzjoni* »

wara li semgħet ix-xhieda u/jew qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha preżentati inklużi l-*affidavits* ippreżentati mill-partijiet,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Antonio Depasquale,
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Stephanie Abela.

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Retroxena

1. Il-fatti li taw lok għal din il-vertenza huma essenzjalment is-segwenti:

   i. Ir-rikorrent Anthony Dalli, kien propjetarju tal-*coach* tal-għamla VOLVO IRIZAR bin-numru ta' reġistrazzjoni JCY 976. L-intimat Carl Anthony Grima ġie inkarigat mir-rikorrent sabiex jagħmel ċertu xogħolijet fuq din il-vettura.

   ii. Ix-xogħol inbeda għal ħabta ta' Ottubru 2017 u l-*coach* ġiet ritornata lir-rikorrent għal ħabta ta' Marzu 2018. Din bdiet tintuża għax-xogħol u ma' nqalgħu l-ebda problemi qabel Settembru 2018.

   iii. F' Settembru 2018 għamlet l-ewwel xita u waqt li Gordon Dalli, t-tifel tar-rikorrent, kien qed jagħmel vjaġġ bit-turisti daħal l-ilma fil-*coach*.

iv. Ir-rikorrent ingaġġa lil ċertu Manuel Calleja sabiex jagħmel it-tiswijiet neċessarji wara li fi kliemu ma' nqediex mill-intimat. Dan jikkontendi li huwa ma kienx responsabbli għall-ħsarat.

v. Permezz ta' ittra uffiċjali datata 24 ta' Settembru 2018 ir-rikorrent interpella lill-intimat sabiex jsir rapport dwar il-ħsara sofferta u jersaq għall-likwidazzjoni tad-danni. Fis-7 ta' Novembru 2018 ġiet ippreżentata l-kawża odjerna.

**Provi miġjuba**

***Xi tqabbad jagħmel l-intimat?***

2. Fis-6 ta' Frar 2017 ir-rikorrent ħa l-*coach* tiegħu tal-għamla VOLVO IRIZAR bin-numru ta' reġistrazzjoni JCY976, liema *coach* kien juża kuljum fix-xogħol tiegħu ta' xufier, għand l-intimat li jagħmel xogħol ta' *body builder*, ossia' "*xogħol ta' pjanċi, sealer mad-dawra, jibdel il-ħadid fejn ikun ħazin, spray, u dan it-tip ta' xoghol*"[3]

3. Fl-affidavit tiegħu[4] r-rikorrent **<u>Anthony Dalli</u>** spjega li fost ix-xogħolijiet li talbu jagħmel lill-intimat:

> *"kien hemm xoghol fuq il-corrosion li kien hemm mal-bibien tal-coach tieghi, jibdilli is-sealer ta' kullimkien inkluż tas-saqaf u ta' kull fejn hemm il-ħġieġ, u spray fuq il-coach kollu pero iż-żebgħa kont xtrajta jiena"*

In kontroeżami[5] però għal darba darbtejn tlieta r-rikorrent qal illi huwa kien qabbad lill-intimat sabiex jirranġalu s-saqaf tal-*coach*:

> *"Il-coach kull ma kellu s- saqaf. Jibdillu s-sealer, jixkatlah u jisprenjah...*
>
> *... L- inkwiet li kelli fil- coach kien is- saqaf. Li jibdillu s- sealer, jixkatlah u jizbghu kollu."*

---

[3] Fol 17
[4] Fol 17-20
[5] Fol 85-92

4. Fl-affidavit tiegħu, iben ir-rikorrent **Gordon Dalli** xehed illi missieru kien ħa l-*coach* għand l-intimat:

   "*biex dan idurulu waħda sew u jagħmel dawk ix-xogħolijiet kollha Ii kien hemm bżonn fuq il-coach...*

   *... Fost xogħolijiet oħra, Grima suppost kien dar u biddel is-sealer ta' mal-ħġieġ u ta' mas-saqaf*" [6]

5. Meta ġie eżaminat *viva-voce* mir-rikorrent[7], l-intimat **Carl Anthony Grima** xehed illi:

   "*x- xogħlijiet kien illi jinvolvi li nduru l- vettura tas-Sur Dalli mill-ħġieġ 'l isfel, nixkatlawha jigifieri. Kellu xi sadid taht il-mudguards nghidulhom aħna bl-ilmijiet u hekk. U tinżebaħ mill-ġdid...*

   *... ahna ftehmna illi l-vettura se ndurulha l-pjanċi. Minn ħadra se tinżebah il-kulur li qegħda llum. U jekk ikun hemm bżonn li jinqala' l-ħġieġ se nerġgħu nitħadtu matul ix-xogħlijiet*"

   Meta ġie mistoqsi in eżami mill-avukat difensur tiegħu, l-intimat esebixxa ritratti[8] li juru l-*coach* kif ġie għandu u waqt ix-xogħolijiet:

   *"Għandi xi ritratti wkoll ta' kif kien il- coach u kif gie. Ghandi xi ritratti minnhom juri wkoll li pruvajnih bil- pressure tester, bl- ilma biex naraw li kollox sewwa... Ir-ritratti hadthom jiena waqt l- istadji differenti tal- coach. Ipermettieli skuzani daqsxejn. Mela, fl- ewwel ritratt tista' tara kif kien u ovvjament imbaghad ir-rizultat ahhari tal- ahhar ghax kien qalli li ma tajnihx undercoat ukoll imma fir-ritratti qed juri cari li qieghed bl- undercoat"*

---

[6] Fol 44
[7] Fol 50-55
[8] Fol 74-79

6. **<u>Tyrone Galea</u>**, lavrant li kien jagħmel xi xogħol lill-intimat xehed illi meta wasal għand ir-rikorrent, it-trakk *ossia* l-*coach* in kwistjoni, kien fi stat illi jeħtieġ dawra sħiħa u filfatt hu u l-intimat kienu daruh kollu. Huwa ta' eżempju tax-xogħol li kien sar fosthom:

   - xkatlar tal-*body* kollu,
   - riparazzjoni tal-parti ta' quddiem il-*bumper* li kien mgħawweġ minn kullimkien,
   - riparazzjoni tal-ġnub li ħtiġilhom attenzjoni partikolari għaliex magħmulin mill-*aluminium*,
   - il-*body* taħt l-*arches*. Dawn kienu mingħajr il-*flaps* tas-soltu u għalhekk kellhom isiru u jiġu wweldjati *channels* ġodda apposta sabiex jistrieħ il-*body* fuqu
   - is-saqaf kollu li kien fi stat ħażin. Skond ix-xhud huma daruh kollu u qaxxru fejn hemm il-kanal, ċioe fejn ried isir is-*sealer*. Huwa tah żewġ tipi ta' *sealer,* wieħed iebes u imbagħad wieħed artab fuqu ħalli l-ilma jiżloq minn fuqu
   - wara tal-*coach*

7. Mill-assjem tax-xhieda diverġenti li ngħatat u tenut kont il-provi li imbagħad ħarġu tax-xogħol li effettivament kien sar, il-Qorti tħoss li mhuwiex il-każ illi l-intimat tqabbad jagħmel biss is-saqaf tal-*coach* (xi ħaġa li ntqalet mir-rikorrent in kontroeżami) jew li ma' tqabbadx jagħmel l-istess saqaf (xi ħaġa li donnu implika l-intimat peress illi fix-xhieda tiegħu ma' semmihx). Il-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabilitajiet (u f'dan ir-rigward għenu mhux ftit ir-ritratti li ġew esebiti mill-intimat[9], ix-xhieda ta' Manuel Cutajar u Tyrone Galea - żewġ xhieda independenti) illi x-xogħolijiet li ftehmu fuqhom il-partijiet kienu s-segwenti:

   - Saqaf: Xkatlar tas-saqaf, tneħħija tas-*sealer* u applikazzjoni ta' *sealer* ġdid, *spraying/*żebgħa

   - Body: Xkatlar tal-*body* kollu inkluż quddiem u wara tal-*coach* u tneħħija ta' sadid fejn applikabbli inkluż tal-bibien, *welding* ta' *channels* ġodda fuq l-*arches* fejn kien hemm *mudguards* neqsin, *spraying* /żebgħa kull fejn hemm

---

[9] Fol 74-79

bżonn, riparazzjoni tal-parti ta' quddiem *bumper*, pjanċi u kull fejn kien hemm daqqiet

- Ħġieġ: Il-partijiet ftehmu illi jekk matul ix-xogħolijiet jirriżulta illi dawn ikollhom bżonn jinqalgħu, jitkellmu bejniethom.

***Kemm ftehmu fuq prezz u kemm ħallas ir-rikorrent?***

8. Skond l-affidavit tiegħu, r-rikorrent xehed illi huma kienu ftehmu fuq prezz ta' sitt elef euro (€ 6,000). In kontroeżami minkejja li inizjalment il-verżjoni tiegħu kienet differenti, ikkjarifika illi s-somma ta' €6,000 kellha tinkludi kemm il-*labour* u kif ukoll l-ispejjeż tal-materjal inkluż is-*sealer* imma eskluż il-*mudguards* u ż-żebgħa li kellu jixtrihom huwa stess. Spejjeż taż-żebgħa li ħallas minn butu kienu jammontaw għal xi elfejn euro (€ 2,000).

   Bħala ħlas, r-rikorrent xehed fl-affidavit tiegħu illi huwa ħallas lill-intimat total ta' **€10,350** ċioe:

   - €2,000 għal *labour* u €1,000 għall-materjal fis-6 ta' Ottubru 2017 ċioe meta ħa l-*coach* għat-tiswija. F'dan ir-rigward ir-rikorrent esebixxa kopja ta' riċevuta rilaxxata mill-intimat[10];
   - €2,000 fl-20 ta' Jannar 2018. F'dan ir-rigward ir-rikorrent ukoll esebixxa kopja ta' riċevuta rilaxxata mill-intimat[11];
   - €5,350 fis-26 ta' Frar 2018 meta mar jiġbor lura l-*coach.* Skond l-intimat dakinhar: *"talabni ghal €4,350 aktar mill-€1,000 bl-iskuza Ii kien hela hafna sealer fix-xoghol Ii ghamel fuq ii-coach tieghi. Ghalhekk hallast dak in-nhar b'cekk fl-ammont ta' €5,350 flok hallast b'cekk ta' €1,000."*[12] Ir-rikorrent esebixxa riċevuta fiskali rilaxxata mill-intimat datata 27 ta' Frar 2018 għall-ammont ta' € 7,080 (labour) u € 1,274.40 (spejjeż).[13]

9. Skond l-intimat[14]:

---

[10] Fol 21
[11] Fol 22
[12] Fol 18
[13] Fol 23
[14] Fol 54

> *"...l-ftehim kien li jiena se nithallas tax- xoghol u l- materjal jixtrih is- Sur Dalli. Meta bdejt nghid lis- Sur Dalli ghandna bzonn din din din u din qalli isma' jien ha noqghod nigri 'l hemm u 'l hawn nixtrilek. Qalli mur ara x' ghandek bzonn imbaghad nirrangaw...*
>
> *Stima tax- xoghlijiet konna ftehmna figura bejnietna ta' sitt elef u hames mitt (6,500) euro kont tajtu stima. Hu ddecieda li kien il- prezz finali u kien qalli naghmluh b' sitt elef (6,000) euro. Din x' hin toqghod tikkonsidra hija somma redikola. Apparti l- ispejjez sintendi"*[15]

Għalkemm l-intimat ma' xehedx eżattament kemm kien ħallsu r-rikorrent, madanakollu spjega illi fir-rigward tal-VAT fuq l-ispejjeż (fl-ammont ta' €500) huwa ma' kienx tħallas peress li ftiehem miegħu illi jagħmel *claim* għalih huwa stess.[16] Fit-18 ta' Ottubru 2021 huwa imbagħad ippreżenta permezz ta' nota kopja ta' ċekk maħruġ minnu, datat 27 ta' Frar 2018, lill-mara tar-rikorrent fl-ammont ta' €500[17] li jindika li filfatt ir-rikorrent kien ħallas il-VAT u l-intimat kien pront jirrifondih lura l-istess ammont.

10. Fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2020 l-intimat esebixxa dak li ddeskriva bħala inventarju tal-materjal li uża fix-xogħol tiegħu u l-ispejjeż għalihom[18]. Huwa spjega illi kull materjal li kien jinxtara kien ikun jaf bih ir-rikorrent u li fl-aħħar tax-xogħolijiet huwa spjegalu oġġett oġġett x'kien intefaq:

> *"x' hin kont nixtri l- materjal kont nghidlu li xtrajna per ezempju A B C, kien jghidli all right u jien ovvjament kont inzomm l- inventarju biex fi x' hin nigi biex nithallas ikolli... Kont nurih il- materjal imbaghad fl- ahhar urejtu r- rendikont u fhemtu ezatt wahda wahda x' inhuma."*

11. L-ispejjeż elenkati fuq l-inventarju msemmi jammontaw għal total ta' €3,274.36.

---

[15] Fol 55
[16] Fol 70
[17] Fol 96
[18] Fol 73

12. Il-Qorti tqis illi huwa ppruvat b'mod sodisfaċjenti illi r-rikorrent ħallas total ta' €10,350 għalkemm hemm posizzjoni diverġenti bejn il-partijiet rigward kemm minnhom kienu spejjeż. F'dan ir-rigward ir-rikorrent jgħid illi €4,350 minnhom kienu spejjeż ta' *sealer* żejjed illi apparentement l-intimat qallu li kellu bżonn u €1,000 minnhom kienu spejjeż li ħallas bil-quddiem meta ħa l-*coach* għand l-intimat l-ewwel darba.

13. Il-Qorti tikkunsidra li hija iżjed verosimili x-xhieda tal-intimat illi l-partijiet kienu ftehmu illi s-somma ta' €6,000 kellha tkun għall-*labour* biss u li l-materjal kellu jħallsu separatament ir-rikorrent. Dan qed jingħad kemm għaliex fl-ewwel ġurnata r-rikorrent kien għadda s-somma ta' €1,000 **bil-quddiem** għall-materjal u kif ukoll għaliex il-Qorti tħoss illi r-rikorrent ma' kienx sejjer, fl-aħħar ġurnata, iħallas € 4,350 żejda (i.e. iktar milli miftiehem) li kieku l-ftehim verament ma' kienx dak illi l-ispejjeż kellhom jitħallsu minnu separatament.

***Kemm kellhom idumu, kemm damu u x'seħħ matul il-pendenza tax-xogħolijiet?***

14. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-*coach* ittieħed għax-xogħlijiet fis-6 ta' Ottubru 2017 u nġabar lura fis-26 ta' Frar 2018, trapass ta' ftit iżjed minn erba' xhur u ġimgħatejn.

15. Fl-affidavit tiegħu r-rikorrent **Anthony Dalli** xehed illi:

> *"...I-coach kien diga aktar kmieni dik is-sena dam mhux ftit ghand Grima biex minghalija jaghmilli bicca xoghol sewwa ..."*
>
> *"... Nghid illi ghand Grima it-tiswijiet kien dam biex ilestihom xi 5 xhur, u kollu ghal xejn ghax hafna minnhu kien xoghol hazin."*[19]

Meta xehed *viva-voce* in kontroeżami qal illi:

> "*xoghol ta' xahrejn xoghol dam sitt xhur* ...[20]

16. Fix-xhieda tiegħu l-intimat **Carl Anthony Grima** xehed illi

[19] Fol 17-20
[20] Fol 88

> *"Ipjanajna li ha ndumu tlett (3) xhur u sforz il- hsara li sibna minn taht u dawn l-affarijiet ix- xoghol dam sitt (6) gimghat jew tmien (8) gimghat iktar. Ma nghidlekx bl-ezatt."*[21]

17. Iktar tard fl-istess xhieda l-intimat però qal illi ma' kienx intrabat b'data fissa meta r-rikorrent kellu jiġbor lura l-*coach:*

> *"Avv. Stephanie Abela: Skuzani Sur Magistrat. Mela, meta gablek il- coach fl- 2017 tajtu xi zmien meta jista' jigbru?*
>
> *Carl Anthony Grima: Meta jista' jigbru le. Ma tajtux data fissa meta jista' jigbor il-coach. Konna ftehmna li ha jiehu tul ta' zmien u bhalma jaf is- Sur Dalli meta sibna l- hsarat ovvjament dawn iridu jsiru."*

18. L-intimat spjega ukoll illi r-rikorrent kien ikun preżenti ta' sikwit fil-*garage* tiegħu u kien preżenti ukoll meta instab li x-xogħolijiet kienu ser idumu iżjed milli previst:

> *"Carl Anthony Grima: ... meta s- Sur Dalli gie bil- coach biex naraw xi hsarat hemm u ovvjament dana taghti data bejn wiehed u iehor ta' kemm tkun se ddum. Issa, ahna milli rajna ghax ovvjament imbaghad x' hin taqla' l- pjanci dejjem issib il-hsara u trid dejjem tibqa' tnaddaf sakemm issib is- safi ghax inkella dak li tkun ghamilt ikun kollu ghalxejn. Meta qlajna l- bibien ta' fejn hemm ir- roti u qlajna r-roti barra eċċetra, qlajna t- tappezzerija barra tal- bagoll u hekk irrizulta li hemm iktar hsara milli kien provist u hadilna ...*
>
> *Qorti: Sinjur, inti waqt li qed taqilghu x- xoghol u qed taraw li hemm izjed milli previst kontu ghamiltu kuntatt?*
>
> *Carl Anthony Grima: Is- Sur Dalli kien ikun hemm kuljum prezenti Sur Magistrat.*
>
> *Qorti: Kien qed jarahom dawn l- affarijiet kuljum.*
>
> *Carl Anthony Grima: Iva iva.*

---

[21] Fol 51

*Avukat: Meta qed tghid kien ikun kuljum hemm prezenti f' liema sens?*

*Carl Anthony Grima: Kien jigi fid- disgha ta' filghodu (09:00) u jitlaq ghall- habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar (14:00)."*

19. Matul ix-xogħlijiet l-intimat jidher illi ġibed l-attenzjoni tar-rikorrent bil-bżonn li tinqala' ħġieġa iżda dan kien irrifjuta li jsir hekk peress illi kellu l-ħsieb li jbiegħ il-*coach*. Għalhekk il-partijiet kienu ftehmu fuq soluzzjoni temporanja:

"... *Mela, ahna ftehmna illi l- vettura se ndurulha l- pjanci. Minn hadra se tinzebah il- kulur li qeghda llum. U jekk ikun hemm bzonn li jinqala' l- hgieg se nergghu nithadtu matul ix- xoghlijiet. Meta jien lis- Sur Dalli ghidtlu isma', nahseb mhux ha jiehu ghalih imbilli nindirizzah bhala Twan, ghidtlu isma' Twan hawnhekk ha jkollna naqilghu l- hgiega biex ix- xoghol inkun nista' naghmlu kif suppost. Qalli tiehux ghalik il-hgiega ma rridx naqlaghha ghax dana il- coach ha naghmlu ghal erbat ijiem biex inbieghu. Jigifieri jiena kont b' idejja marbutin wara. Ma kontx se niehu riskju li nirranga nressaq il- welding ma' genb il- hgiega u nkissirha spejjez ghalija. U rrimedjajna xi haga li ovvjament dana tkun qed issewwi l- pannu bil- qargha ahmar*[22]

...

*"Carl Anthony Grima: Qalli biex nirrangaw xi haga bil- fibre kemm jaghmel erbat ijiem u jkun jista' jbieghu.*

*Avukat: Issa dan ir- repairs sar jew ma sarx?*

*Carl Anthony Grima: Sar. Pero' bic- caqliq tal- vettura dan il- fibre kulhadd jaf illi ifaqqa'.*

*Avukat: Forsi ga ghidtha imma jien mhux persuna teknika. Waqt li qed issaqsik id-Dottoressa mhux is- sadid kollu tqaccat jew inqala'.*

---

[22] Fol 51-52

*Carl Anthony Grima: U zgur ghax il- hgieg ma konnix ftehmna fuqu u ma missejnihx sintendi."*[23]

20. Ix-xhud **Tyrone Galea**[24], li kien il-lavrant li ħadem l-iżjed fuq il-*coach*, taħt is-sorveljanza tal-intimat, spjega illi meta bdew ix-xogħolijiet huma sabu is-sadid taħt il-ħġieġ tal-ġnub:

*"Tyron Galea: Issa taht il- hgieg ma setax jiwweldja ruhu ghax taht il- hgieg trid taqla' l-hgieg barra biex jiwweldja ruhu sew. Jiena ma nistax niehu responsabilta' niwweldja bil-hgiega u tinfaqa'. Irid jinqala' kollu l- hgieg.*

*...*

*Avv. Stephanie Abela: Ghalfejn ma qlajtuhx il- hgieg allura ta' dan it- trakk meta ghidt*
*ma ridtx niehu responsabilta' ghax se tinfaqa' u qed tghid ghax jerga' jidhollok l- ilma?*

*Tyron Galea: Ghax is- Sur Twanny ma riedx jaqilghu l- hgieg.*

*Avv. Stephanie Abela: Mela, dak li rrid inkun naf. X' gara? Ghalfejn ma riedx jaqla' l- hgieg? X' gara fil- garaxx u x' paroli ntqal la kont qed tahdem fuqu inti.*

*Tyron Galea: Le, lili qalli, ghidtlu dik trid tinqala' Twan il- hgiega. Qalli l- hgiega ma rridx naqlaghha, qalli rrangaha xkatlaha, tiha s- sealer qalli u ha johrog it- trakk. Qalli ghax mghaggel."*

*...*

*"Avv. Stephanie Abela: Issa meta inti qallek isma' ghamel li tista' imma l- hgieg taqilghux inti x' ghamilt? U intom u Carl x' ghamiltu? X' ghidtulu?*

---

[23] Fol 54
[24] Fol 57-65

*Tyron Galea: Naddafna fejn stajna.*

*Avv. Stephanie Abela: Pero' x' ghidtulu?*

*Tyron Galea: Le, li mhux responsabilta' taghna.*

*Avv. Stephanie Abela: Li mhux responsabilta' taghkom.*

*Tyron Galea: U zgur."*[25]

*...*

*"Avv. Stephanie Abela: All right. Issa, meta qallek it- tieqa taqlaghhix ghax ma hargitx cara, ma ftehmtx, u inti ghidtlu isma' t- tieqa trid tinqala' ghax inkella ha jerga' jidhollok l- ilma, erga' ghidli x' intqal. X' qallek ezatt fuq it- tieqa?*

*Tyron Galea: Ghax ghidtlu Twan it- tieqa trid tinqala' mhux ha niehu responsabilta' jiena. Ghidtlu biex isir sew irid jinqala' l- hgieg kollu u jrid isir kollu. Qalli ma tarax, qalli naddafli hemm, intuh is- sealer u mmorru barra bid- daqqa, ha johrog 'il barra"*

21. Dan ix-xhud kompla jispjega illi r-rikorrent beda jagħfashom sabiex jħaffu peress li ried joħroġ il-*coach* lura għax-xogħol u peress ukoll illi ried ibiegħ il-*coach* lil terza persuna.

22. Ir-rikorrent ma' semma xejn fix-xhieda tiegħu, kemm dik mogħtija bil-mezz tal-affidavit u kemm dik mogħtija *viva-voce*, fir-rigward tal-kwistjoni li nqalgħet waqt ix-xogħolijiet, tas-sadid taħt il-ħġieġ. Madanakollu kkonferma illi kien ikun preżenti għal ħafna ħinijiet (għalkemm innega li kien ikun preżenti kuljum) waqt li dawn kienu qed isiru.

---

[25] Fol 57-65

23. Ġie ikkonfermat kemm mill-intimat **Carl Anthony Grima** u kif ukoll minn **Tyrone Galea** illi x-xogħlijiet saru mill-intimat u mill-istess Tyrone Galea illi kien jaħdem taħt is-superviżjoni tar-rikorrent. Mistoqsi diversi drabi, ir-rikorrent ma' nnegax illi huwa qatt ma' kien gerger mal-intimat għall-fatt illi diversi xogħlijiet kien qed jagħmilhom il-lavrant tiegħu Tyrone Galea. Filfatt f'dan ir-rigward ir-rikorrent għamilha ċara illi huwa ma' kienx ikellem lil dan tal-aħħar għaliex huwa mal-intimat dehrlu li kellu x'jaqsam. Fl-ebda stadju tal-kawża ma' ġie allegat mir-rikorrent illi x-xogħol ma' sarx skond is-sengħa u l-arti minħabba li l-intimat jew il-lavrant tiegħu ma' kellhomx l-esperjenza u snajja' biżżejjed sabiex jwettqu xogħolhom.

24. L-intimat **Carl Anthony Grima** spjega ukoll waqt is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2020 kif żvolġew ix-xogħolijiet u esebixxa ritratti li juru l-*coach* fi stadji differenti ta' dawn ix-xogħolijiet[26]. Dawn ir-ritratti juru, skond l-intimat, illi l-*coach* kien ingħatalha l-*undercoat* u dan kuntrarjament għal dak li allega r-rikorrent.

25. Mill-assjem tal-provi l-Qorti hija konvinta illi tabilħaqq:

i. il-partijiet ma' kienux ftehmu fuq terminu speċifiku għat-tlestija tax-xogħlijiet;
ii. Kienu nqalgħu xi intoppi matul il-pendenza tax-xogħolijiet, partikolarment l-iskoperta tas-sadid taħt it-twieqi tal-ġenb, li wasslu sabiex ix-xogħolijiet jitwalu;
iii. Ir-rikorrent ma' riedx li jinqalgħu l-ħġieġ, kemm minħabba li ma' riedx spejjeż żejda, kemm għax kien mgħaġġel u kemm għaliex kien bi ħsiebu jbiegħ il-*coach* lil terzi persuni;
iv. Il-partijiet ftehmu fuq soluzzjoni temporanja sabiex titranġa l-problema tas-sadid mingħajr ma' jinqalgħu l-ħġieġ.

***X'ġara wara t-tlestija tax-xogħolijiet?***

26. Ir-rikorrent xehed illi:

> *"Jien kont ergajt bdejt nuza l-coach għal-xogħoli u bejn ix-xhur ta' Marzu u ta' Awissu tas-sena 2018 ma kellix problemi, pero wara Ii għamlet l-ewwel xita qalila*

---

[26] Fol 74-79

*fil-bidu ta' Settembru 2018 jien indunajt Ii x-xogħolijiet Ii kont qabbadt lil Grima jagħmel fuq il-coach u ta' liema jien kont ħallastu ma kienux wara kollox saru kif suppost."*[27]

27. Ġara illi wara tal-inqas sitt xhur juża l-*coach,* wara l-ewwel xita f'Settembru 2018 ir-rikorrent induna li bdew jiffurmaw dbabar tal-ilma fuq is-saqaf tagħha u wara ftit tal-ġranet beda jqattar l-ilma mis-saqaf. Inoltre filwaqt li t-tifel tiegħu Gordon Dalli kien għaddej bil-*coach* fuq traġitt il-passiġġiera saħansitra bdew jixxarbu peress li beda dieħel taqtir oħxon tax-xita mis-saqaf. Ir-rikorrent idderiġa lit-tifel jieħu l-*coach* għand l-intimat u huwa stess baqa' sejjer hemm ukoll. Skond ir-rikorrent l-intimat insista illi ma' kien għamel xejn ħażin f'xogħlu.

28. **<u>Gordon Dalli</u>**, iben ir-rikorrent, filwaqt li kkonferma l-akkadut fuq imsemmi spjega li meta ħa l-*coach* għand l-intimat:

*"Grima daħal fil-coach biex jara x'kienet il-problema u wara ftit rega' ħareġ u qalilna Ii ma kienx hemm ħsara kbira. Grima baqa' jinsisti Ii x-xogħolijiet Ii kien għamel hu kienu saru sew u Ii m'hemmx inkwiet. Jiena ma nifhimx fix-xogħol Ii jagħmel Grima pero' stajt ninduna li, bil-kontra ta' li beda jgħid Grima, kien hemm ħsara għax kieku ma kienx jidħol ilma mis-saqaf u minn mal-ħġieġ mal-ewwel xita..."*[28]

29. L-istess xhud spjega illi missieru imbagħad ħa l-*coach* għand ċertu Manuel Cutajar magħruf bħala "Iż-Żinnu". Dan ġie kkonfermat mir-rikorrent **<u>Anthony Dalli</u>** illi xehed illi Cutajar kien qallu illi:

*"kien hemm xogħol mhux ħażin xi jsir u dan minħabba Ii ma sab xejn sew u Ii xogħolijiet Ii kienu saru qabel, dawk Ii jiena kont għamilt għand Carl Anthony Grima, ma kienux saru sew u allura kellhom jerġgħu isiru. Fir-ritratti annessi u mmarkati bħala Dok D (bibien) u Dok E (saqaf u bibien) jidher ix-xogħol ħażin Ii kien ġie jidher eżatt qabel ma ħadt il-coach għand dan Manuel ... Manuel Cutajar kien għamel fuq il-coach tiegħi xogħol mas saqaf inkluż xogħol ta' sealer kemm*

[27] Fol 18
[28] Fol 44

*mas-saqaf kif ukoll mat-twieqi. Spray kellu jerga jagħmel fejn kien ħadem bis-sealer"*

30. **<u>Manuel Cutajar</u>** xehed illi:

*"Jien kelli nerġa nagħmel ħafna mix-xogħolijiet li Anthony Dalli qalli li Carl Anthony Grima kien qallu li għamel fuq il-coach - bħal xogħol ta' sealing fis-saqaf, fit-twieqi u fil-bibien tal-coach, kelli nagħmel kollox mill-ġdid għax sibt xogħol li ma sarx. Wara Ii lestejt ix-xogħolijiet fuq il-coach kelli wkoll nerġa nagħti żebgħa u spray mill-ġdid fuq kollox peress li kelli naqla x-xogħol Ii kien hemm qabel u nerġa nagħmel il-ġdid. Niftakar Ii kont lestejt ix-xogħliiet kollha Ii kien hemm bżonn isiru fuq il-coach fi żmien ġimgħa minn meta Anthony Dalli kien ġabuli l-garaxx...Tax-xogħlijiet kollha Ii kont għamilt, inkluż il-materjal li użajt u għal idejja, jien kont tlabt lil Anthony Dalli €980 u I-VAT relattiv."* [29]

31. Skond ir-rikorrent **<u>Anthony Dalli</u>** peress illi l-intimat beda jinsisti li x-xogħol li għamel kien wieħed tajjeb, huwa ma' kellu l-ebda għażla ħlief li jmur għand ħaddieħor. Filfatt huwa qabbad lil Manuel Cutajar sabiex jagħmel it-tiswijiet kollha li kien hemm bżonn malajr kemm jista' jkun sabiex ikun jista' jkompli jaħdem bil-*coach*. Huwa qal ukoll illi kellu jieqaf mix-xogħol għal perjodu ta' ġimgħa u li dan kien kollu telf ta' qliegħ għalih speċjalment minħabba l-fatt illi f'Settembru u fix-xhur ta' wara normalment ikun impenjat bit-tfal tal-iskola:

*"L-effetti negattivi ta' dan it-telf ta' xogħol bqajt inħossu anke wara Ii erġajt bdejt naħdem u dan minħabba li jekk ma tkunx disponibbli għax-xogħol fiż-żmien meta terġa tibda l-iskola, kemm l-iskejjel u kif ukoll il-ġenituri jilħqu jqabbdu xufiera oħra. B' hekk jiena tlift iċ-ċans Ii naqbad naħdem xi kuntratti tat-tfal tal-iskejjel għas-sena skolastika li kienet dak il-perjodu (Settembru 2018) qed tibda."*

32. L-intimat **<u>Carl Anthony Grima</u>** jagħti verżjoni differenti ta' kif seħħew l-affarijiet. Kif ġa ngħad iktar 'l fuq huwa spjega kif waqt li kienu qed isiru x-xogħolijiet kienu sabu s-sadid taħt il-ħġieġ tal-ġnub. Il-ħġieġ għalhekk suppost kellu jinqala' biex jitneħħa s-sadid. Peress illi l-qlugħ tal-ħġieġ ma' kienx parti mix-xogħol miftiehem

---

[29] Fol 36

huwa informa lir-rikorrent b'dan kollu iżda dan ma' riedx li tinqala' l-ħġieġ kemm minħabba spejjeż, kemm minħabba li kien mgħaġġel u kif ukoll minħabba li kien ser jbiegħ il-*coach* lil ħaddieħor. Għalhekk skond l-intimat, ir-rikorrent qallu sabiex jagħmel xi ħaġa temporanja bil-*fibre:*

> *"Carl Anthony Grima: ... Qalli biex nirrangaw xi haga bil- fibre kemm jaghmel erbat ijiem u jkun jista' jbieghu.*
>
> *Avukat: Issa dawn ir- repairs saru jew ma sarux?*
>
> *Carl Anthony Grima: Sar. Pero' bic- caqliq tal- vettura dan il- fibre kulhadd jaf illi ifaqqa'."*

L-intimat bla tlaqliq xehed illi b'li għamel kien essenzjalment qed iraqqaq il-pannu bil-qargħa ħamra u li: *"jekk ovvjament is- sadid ma taqtghux u taghmlu kif suppost ovvjament dan ha jerga' johrog"*:

> *"Ovvjament il- coach dak iz- zmien kellu ghoxrin (20) sena jiġifieri kemm raqad barra raqad gewwa jigifieri mhux ha nghid illi dejjem raqad barra. L-elementi ta' Malta kulhadd jaf x' inhuma, mdawrin bil- bahar. Il- fibre u l- aluminium u l-hadid jaghmlu reazzjoni u bic- caqliq ta' l- istess vettura s- sewaler jaqta' u jidhol l- ilma. Jigifieri dawn affarijiet normali li nsibu."*

33. L-intimat kompla jgħid kif sfortunatament meta għamlet ix-xita daħal l-ilma mill-post in kwistjoni. Huwa jgħid li dan ġara xi nofs Lulju. Huwa għalhekk ftiehem mar-rikorrent sabiex f'Settembru, meta skond l-intimat ir-rikorrent kien ikun kwiet peress li tfal tal-iskola ma' kellux, jiltaqgħu biex jaraw x'jistgħu jirranġaw. Ġara però illi rċieva l-ittra uffiċjali mir-rikorrent sabiex iħallas id-danni. Vera kopja ta' din l-ittra uffiċjali (ippreżentata fl-24 ta' Settembru 2018) ġiet ippreżentata f'dawn l-atti fit-28 ta' Frar 2019 mir-rikorrent permezz ta' nota.[30]

---

[30] Fol 13-15

34. Eventwalment skond ir-rikorrent il-*coach* inbiegħ lil ċertu Mario Bonello.

**Kunsiderazzjoni**

35. Huwa evidenti li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' appalt, regolat fil-liġi taħt l-Art. 1633 *et. seq.* tal-Kodiċi Ċivili, li permezz tiegħu l-intimat bħala appaltatur intrabat li jforni s-servizzi tiegħu ta' tiswija u *refurbishment* fuq il-*coach* proprjeta' tar-rikorrenti.

> « 1633. Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal.»

36. Ir-rikorrent qed jinsisti illi fl-eżekuzzjoni tal-appalt, l-intimat wettaq xogħolijiet li ma' kienux skond is-sengħa u l-arti u b'konsegwenza ta' dan sofra danni konsistenti *inter alia* f'telf ta' xogħol fuq il-*coach* in kwistjoni u spejjeż. L-intimat min-naħa tiegħu jinsisti illi dan m'huwiex minnu u li fi kwalunkwe każ ir-rikorrent irid iġib prova ta' dawn id-danni.

37. Kif intqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>L-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino noe. v. Angelo Xuereb noe. et</u>** (03.07.2003, Ċit Nru. 1264/1991/TM):

> « ir-responsabbilita' ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi – (i) dik maghrufa bhala responsabbilita' contrattuale u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilita' extra contrattuale jew aquiliana...Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll...
>
> ... Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert. Ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skond il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok

ghar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra contrattuale.

"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". (Torrente & Schlesinger "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 639)" »

38. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet: **Mary Vassallo v. Giovanni Mizzi et.** (Imħallef A. V. Camilleri, 09.04.1949, Vol. XXXIII.II.379) intqal illi:

«il-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad. »«

39. X'inhi n-natura tar-responsabbilita' tal-appaltatur fil-konfront ta' min itih ix-xogħol fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi? Kif intqal fil-ġurisprudenza nostrana,

« huwa dottrinalment u ġurisprudenzjalment riċevut illi l-appaltatur għandu l-obbligu li jeżegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti... Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xogħol tiegħu ... L-appaltatur li jeżegwixxi ħazin ix-xogħol li jifforma l-oġġett ta' l-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina »[31]

[31] Ara fost oħrajn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet: **Pierre Darmanin v. Moira Agius et.** (Ċit Nru. 323/2002/PS, 06/10/2004)

40. Issa skond ir-rikorrent id-danni li sofra kienu kaġun tal-ilma li beda dieħel mis-saqaf tal-*coach*. Fl-ittra uffiċjali li ppreżenta qabel il-ftuħ tal-kawża (ċioe fl-24 ta' Settembru 2018) r-rikorrent għamilha ċara illi d-danni li kien qed isofri dak iż-żmien ma' kienux esklussivament ġejjin minn dik il-problema. Fil-kawża pero l-emfasi prinċipali kienet fuq il-kwistjoni tad-dħul tal-ilma mis-saqaf u mit-twieqi tal-*coach.* Inoltre mill-fattura esebita mir-rikorrent a fol 28 tal-proċess rilaxxata lilu minn Manuel Cutajar jidher ċar illi x-xogħolijiet eżegwiti minn Cutajar kienu limitati għall-ħġieġ u għas-saqaf tal-*coach*.

41. Huwa minnu illi kemm ir-rikorrent u kemm ix-xhud Manuel Cutajar xehdu ukoll illi meta l-*coach* ittieħdet għand dan tal-aħħar mir-rikorrent, Cutajar ma sab xejn sew u kellu jagħmel kollox mill-ġdid. F'dan ir-rigward ir-rikorrent esebixxa numru ta' ritratti a fol 26 u 27 li skond hu juru x-xogħol ħażin li kien jidher fuq is-saqaf u l-bibien tal-*coach* eżatt meta dan ittieħed għand Manuel Cutajar. Madankollu il-Qorti ikollha tistqarr illi hija m'hi xejn konvinta minn dak li jidher f'dawn ir-ritratti mhux l-inqas għaliex m'huwiex ċar minn liema partijiet tal-*coach* ittieħdu. Kien ikun ferm aħjar li kieku r-ritratti li ttieħdu kienu juru l-*coach* sħiħ flimkien mal-partijiet in kwistjoni fejn skond ir-rikorrent żviluppaw il-ħsarat. A propożitu kien ikun ferm aħjar ukoll għar-rikorrent f'dak l-istadju illi jingaġġa espert *ex parte,* jekk hemm bżonn a spejjeż tiegħu, sabiex  jagħmel rapport tal-ħsarat li allegatament sofra. In-nuqqas tiegħu li jagħmel dan, flimkien mal-fatt illi l-*coach* laħqet inbiegħet lil terzi qabel il-ftuħ tal-kawża, għamel il-kompitu tar-rikorrent f'din il-kawża wieħed xejn faċli.

42. Fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat difensur tal-intimat argumentat illi:

> *"Kien jkun ferm ahjar ghal kulhadd li kieku dan it-track tqieghed ghal ezaminazzjoni minn xi perit jew xi hadd li jifhem, xi haga li ma setghetx issir ghaliex it-track gie rangat minn haddiehor. Jigifieri din il-Qorti hemm, ma nafx hiex teknika f` dan ix-xoghol. Pero` raport peritali ta` dan it-track jekk trangax u min tranga jew jekk sarx hazin, jew ix-xoghol li kellu jsir u attwalment ma sarx, m` ghandix quddiema... Mill liema punt ta` saqaf dahal. Qall ghalfejn dahal minn dak is-saqaf u mhux mit-tieqa. Kif? Kif grat il-hsara? Din il-Qorti hija sprovista minn din l-informazzjoni kollha li tista` twassal biex il-Qorti tiehu sa livell rikjest mill-ligi decizjoni li xoghol li sar skont is-sengha u l-arti* (sic!)"

43. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet: **Hydroelectric Limited v. Cutrico Limited** (Rik. Nru. 570/2016/1 LM, 12/06/2020) il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet illi:

> «In-nomina ta' espert tekniku fi proċeduri ġudizzjarji hija waħda fakoltattiva u mhux obbligatorja. Il-Qorti hija tal-fehma li ladarba t-Tribunal seta' jasal għal deċiżjoni fuq il-bażi ta' probabbiltajiet skont il-provi prodotti fil-kawża, it-Tribunal ma kellux għalfejn jordna l-ħatra ta' espert tekniku. Il-fatt li t-Tribunal ma ħassx il-ħtieġa li jinnomina espert tekniku biex jassistih, ma jfissirx li b'daqshekk ġie arrekat xi preġudizzju fil-konfront tas-soċjetà appellanta. Wara kollox lanqas is-soċjetà appellanta ma ħasset li kienet meħtieġa din il-ħatra, għaliex kieku kienet titlobha kif kellha dritt li tagħmel.»

44. Il-Qorti tagħmel tagħha dawn il-kliem tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u inoltre' tqis illi fi kwalunkwe każ ma' kienx possibbli għaliha illi taħtar espert ġaladarba l-*coach* in kwistjoni ma' kienx għadu taħt il-pussess ta' xi ħadd mill-partijiet matul il-kors tal-kawża.

45. Fiċ-ċirkustanzi u fid-dawl tal-provi prodotti (jew aħjar in-nuqqas tagħhom) l-Qorti tqis illi fuq il-bażi ta' probabbiltajiet l-unika xogħol li ġie ippruvat li ma' sarx skond is-sengħa u l-arti mill-intimat huwa x-xogħol li sar sabiex "titranġa" l-problema tas-sadid taħt il-ħġieġ tal-ġnub. Mir-ritratti tal-*coach* esebiti mill-intimat a fol 77-80 jidher ċar illi dawn il-ħġieġ jokkupaw parti sew mill-*coach* stante illi l-*frame* tagħhom jestendi mis-saqaf tal-*coach* san-nofs tal-ġnub tiegħu.

46. Il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi huma dawn ix-xogħolijiet biss li ma' sarux skond is-sengħa u l-arti proprju għaliex kien l-intimat innifsu li xehed illi hu ġie mogħti struzzjonijiet mir-rikorrent sabiex ma' jaqlax il-ħġieġ sabiex jixkatla, jneħħi s-sadid u jerġa japplika s-*sealer* iżda minflok intalab li jagħmel xi ħaġa bil-*fibre* u dan *"kemm jagħmel erbat ijiem u jkun jista' jbiegħu"*. Il-lavrant tal-intimat, Tyron Galea, xehed ukoll illi r-rikorrent qallu sabiex jixkatla fejn jista' u jagħtiha s-*sealer* għaliex kien mgħaġġel. L-intimat innifsu ammetta ukoll illi kien minħabba x-xogħol tiegħu fuq il-ħġieġ illi spiċċa biex daħal l-ilma mis-saqaf u mit-twieqi tal-*coach.*

47. Il-Qorti tqis li l-intimat ma' jistax jistrieħ fuq il-fatt illi kien ir-rikorrent innifsu li taħ struzzjonijiet sabiex jaħdem bil-mod kif ħadem fuq il-ħġieġ, sabiex jeżimi ruħu mir-responsabiltà li kellu illi jara li dan ix-xogħol isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin v.**

**<u>Moira Agius et.</u>** (Ċit Nru. 323/2002/PS, 06/10/2004) il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) stqarret illi dan l-obbligu jibqa' fis-seħħ:

> «*avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).* »

48. Stabbilit illi x-xogħol tal-intimat fuq il-problema tas-sadid ta' taħt il-ħġieġ tal-*coach* ma' sarx skond is-sengħa u l-arti, il-Qorti trid tara issa effettivament x'danni sofra r-rikorrent minħabba din l-inadempjenza kuntrattwali.

49. Ir-rikorrent qed jitlob *inter alia* d-danni konsistenti f'telf ta' xogħol. Fit-trattazzjoni tagħha l-avukat difensur tal-intimat sostniet illi ma' nġiebet l-ebda prova f'dan ir-rigward: "*ta' kemm il-vjagg intilef, e, kemm il-kuntratt intilef, kemm tilfu flus u ghal kemm zmien."* Inoltre argumentat illi kien it-tifel tar-rikorrent, Gordon Dalli, u mhux ir-rikorrent innifsu li kien jaħdem bil-*coach*. Fuq din l-aħħar sottomissjoni l-Qorti tara li fix-xhieda tiegħu stess ir-rikorrent xehed illi l-*coach* kien jintuża kemm minnu u kemm minn ibnu. Il-Qorti però taqbel bis-sħiħ mal-osservazzjoni illi r-rikorrent ma' ressaq l-ebda prova fuq dawn id-danni.

50. Inoltre r-rikorrent innifsu ammetta illi wara li saru x-xogħolijiet fuq il-*coach* dan inbiegħ lil terzi persuni. Dan jikkonferma ulterjorment dak li xehed l-intimat li l-intenzjoni tar-rikorrent minn dejjem kienet li jbiegħ il-*coach* u mhux li jaħdem bih.

51. F' dak li jirrigwarda danni in konsegwenza għal *loss of use*, il-Qorti tikkunsidra illi (i) il-partijiet ma' ftehmux espressament fuq it-tul taż-żmien li l-intimat kellu jieħu sabiex jeżegwixxi x-xogħolijiet, (ii) li fi kwalunkwe każ jirriżulta ppruvat illi nqalgħu l-intoppi matul il-pendenza ta' dawn ix-xogħolijiet, u (iii) kemm ir-rikorrent kif ukoll ibnu Gordon Dalli ikkonfermaw li minn Marzu 2018 sal-inċident fil-bidu ta' Settembru 2018 ma kien hemm iltaqgħu mal-ebda' problemi fil-*coach*.

52. Għalhekk il-Qorti m'hijiex ser tgħaddi sabiex tillikwida d-danni sofferti fir-rigward ta' telf ta' qliegħ u telf ta' xogħol peress illi dawn ma' jirriżultawx illi ġew ippruvati.

53. Fir-rigward ta' *damnus emergens* l-abbli avukat difensur tar-rikorrent issottometta fit-trattazzjoni finali illi: *"vis a vie d-danni, wiehed malajr malajr jista` jasal ghal konkluzjoni li ghandek erba` t`elef, tlett mija u hamsin ewro sealer illi rizulta mix-xhieda ta` Manuel Cutajar illi ma kienx hemm bzonnhom u ghandek disa` mija u tmenin ewro xogholijiet illi kien ghamel Manuel Cutajar illi wkoll, li kieku xoghol sar sew mill-bidu ma kienx jkun hemm bzonn illi jsir dan ix-xoghol ghand Manuel Cutajar"*.

54. Dwar l-ispejjeż tas-*sealer* għalkemm ir-rikorrent xehed illi huwa intalab iħallas €4,350 mill-intimat meta mar jiġbor il-*coach* "*bl-iskuża li kien ħela ħafna sealer fix-xogħol"*, din l-allegazzjoni ma' ġietx sorretta mill-provi, lanqas dawk dokumentarji. Filfatt mir-riċevuti esebiti a fol 21-25 ma' jidhirx illi r-rikorrent qatt ħallas lill-intimat speċifikament għal xi *sealer.*

55. Madanakollu dwar l-ispejjeż li ħallas ir-rikorrent lil Manuel Cutajar[32] fl-ammont ta' €980 (eskluż il-VAT) il-Qorti tqis illi dawn kienu b'riżultat dirett tax-xogħol ħażin illi l-intimat wettaq fir-rigward tal-problema tas-sadid taħt il-ħġieġ u għalhekk għandu jagħmel tajjeb għalihom l-istess intimat.

**L-eċċezzjoni illi t-talbiet tar-rikorrenti huma bbażati fuq *causa* lleċita**

56. Ir-raba' eċċezzjoni tal-intimat, dik illi t-talbiet tar-rikorrent huma bbażati fuq *causa illeċita* għandha mill-fieragħ u minn imkien ma' tirriżulta.

57. Fix-xhieda tiegħu għalkemm l-intimat ma' xehedx kemm eżattament kien tħallas mir-rikorrent, madanakollu spjega illi fir-rigward tal-VAT **<u>fuq l-ispejjeż</u>** (fl-ammont ta' €500) huwa ma' kienx tħallas peress li ftiehem miegħu illi jagħmel *claim* għalih huwa stess.[33] Kif hemm provdut fl-Artikolu 3(d) tas-Seba' Skeda tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta):

> « 3. Il-valur taxxabbli ta' provvista m'għandux jinkludi:

[32] Fol 28
[33] Fol 70

…

d) kull ħlas lura imħallas f'isem u akkont tal-persuna li lilha ssir il-provvista, u li jirriżulta minn dokumenti miżmuma minn min jagħmel il-provvista li jkunu hekk ġew imħallsa, u li jiddaħħal fid-dokumentazzjoni ta' min jagħmel il-provvista f'suspense accounts »

58. L-ispejjeż li nkorra l-intimat fuq il-materjal li xtara mingħand terzi persuni, ma' kienux spejjeż inċidentali li għall-finijiet tal-Art. 2 tas-Seba' Skeda tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) jitqiesu bħala parti mill-valur taxxabbli ta' provvista iżda kienu fin-natura ta' *disbursements* illi l-intimat seta' (iżda ma' kienx obbligat) jitlob ir-rifużjoni tagħhom mir-rikorrent. Għalhekk b'arranġament bħal dan il-Qorti ma' tirriskontra l-ebda att illeċitu u jekk bir-raba' eċċezzjoni tiegħu l-intimat kien qed jirreferi għal dan l-arranġament, il-Qorti ma' tistax ħlief tiċħadha bħala waħda infondata fil-fatt u fid-dritt.

**Deċiżjoni**

59. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrent b'dan li tikkundanna lill-intimat iħallsu s-somma ta' €980 (eskluż il-VAT) rappreżentanti danni li sofra b'konsegwenza tax-xogħolijiet fuq il-*coach* in kwistjoni. Bl-imgħaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-lum u bl-ispejjeż kif mitluba.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur